# Regoli tal-Privatezza tad-Data

Ministeru għas-Solidarjetà u l-Ġustizzja Soċjali, il-Familja u d-Drittijiet tat-Tfal

Data ta' revizjoni : 30 ta' Lulju 2021

Dettalji ta’ kuntatt tal-Ministeru għas-Solidarjetà u l-Ġustizzja Soċjali, il-Familja u d-Drittijiet tat-Tfal (MSFC): 2590 3010

Id-dettalji ta' kuntatt tal-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data tal-MSFC: dpimu.family@gov.mt

## 1. Introduzzjoni

Dan l-avviż ta' Privatezza jirrifletti l-ftehim bejn l-individwu u l-Ministeru għas-Solidarjetà u l-Ġustizzja Soċjali, il-Familja u d-Drittijiet tat-Tfal (MSFC) fir-rigward tal-ipproċessar u s-sigurtà tad-data fir-rigward tar-Regolament Ġenerali dwar Protezzjoni tad-Data (aktar ’il quddiem imsejha “GDPR[1]”).

## 2. Skop tal-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tad-data

Abbażi tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (EU) 2016/679 (GDPR) u l-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data (Kap. 586), għandna dmir legali li nirrispettaw u nipproteġu kull informazzjoni personali li niġbru mingħandek u aħna dedikati li nonoraw dan id-dmir. L-MSFC se jieħu l-passi kollha raġonevolment meħtieġa biex jiżgura li d-data personali tiġi trattata b'mod sikur, skont din il-politika u skont il-GDPR.

## 3. Skop tal-Ipproċessar

Tipi ta ‘pproċessar

I. e-Forms;
Waqt il-proċess ta' sottomissjoni ta' formoli fuq is-sit indirizzati lill-ministeru, dipartiment jew entità oħra tal-Gvern ta' Malta, aħna nistgħu niġbru informazzjoni personali. F'każijiet bħal dawn, is-sit jintuża bħala User Interface u l-informazzjoni li tinkiseb permezz ta' dawn il-formoli tiġi sottomessa għall-ipproċessar lill-ministeru, dipartiment jew entità oħra tal-Gvern ta' Malta rilevanti. F'dan il-każ, il-perjodu taż-żamma tas-servizz inkwistjoni jkun japplika.

II. Indirizz IP (protokol tal-internet) u identifikazzjoni;
Is-server tas-sit iżomm informazzjoni limitata dwar Indirizzi IP jew il-lok tal-kompjuter tiegħek fuq l-internet, għall-amministrazzjoni tas-sistemi u għal skopijiet ta' soluzzjoni ta' problemi. Aħna ma nużawx informazzjoni dwar l-Indirizzi IP biex insegwu x'qed tagħmel jew l-imġiba tiegħek fuq is-sit tagħna.

III. e-ID;
Tista' wkoll tuża l-faċilitajiet ipprovduti mill-Awtoritajiet Ċentrali, bħall-użu tal-kont e-ID tiegħek bħala mezz ta' awtentikazzjoni. F'każijiet bħal dawn, il-kredenzjali tal-awtentikazzjoni jkunu limitati għas-sessjoni attwali mill-web browser tiegħek.

IV. Kuntatt/Feedback;
Meta jintużaw is-servizzi online ta' dan is-sit elettroniku, is-suġġetti tad-data jistgħu jkunu mitluba li jipprovdu d-dettalji ta' kuntatt tagħhom għal skopijiet ta' kuntatt u komunikazzjoni. L-informazzjoni kollha u d-data personali li inti tipprovdilna fil-formola ta' Kuntatt/Feedback tista' tiġi pproċessata biss għall-iskop strett li nirrispondu għat-talba personali tiegħek.

[1] Bl-Ingliż imsejjħa bħala *General Data Protection Regulation (EU) 2016/679.*

Meta l-individwu jipprovdi informazzjoni lil MSFC f'wieħed mit-tipi ta 'pproċessar jew b'xi mod ieħor li tikkostitwixxi data personali skont id-definizzjonijiet tal-GDPR, l-MSFC għandu jipproċessa din id-data għall-finijiet li ġejjin biss, jiġifieri:

- biex jkun tista jipprovdi s-servizz;
- biex jwettaq kontroll tal-kwalita' fuq sejħiet irreġistrati;
- għal valutazzjoni interna u analiżi;
- biex jiżviluppa u jtejjeb is-servizzi tal-MSFC;

### 4. L-informazzjoni li tinġabar

Dan l-Avviż ta' Privatezza jipprovdi dettalji speċifiċi dwar kif l-MSFC tittratta kwalunkwe data personali li l-individwu jipprovdi lil MSFC.

L-MSFC jiġbor u jipproċessa l-informazzjoni personali tiegħek prinċipalment biex jipprovdi lil-individwu aċċess għas-servizzi tal-MSFC.

L-MSFC jiġbor tliet tipi ta' informazzjoni dwar l-individwu:

- informazzjoni ta' kuntatt jew rispons;
- informazzjoni li titnizzel mil-paġna eletronika;
- informazzjoni dwar l-użu tas-sit.

### 5. 'Cookies'

X'inhi 'cookie'?

Cookie hija data li l-paġna eletronika titlob lill-browser tiegħek biex taħżen din id-data fuq il-hard-disk tal-kompjuter tiegħek. Il-'cookies' kollha huma ffissati b'dati ta' skadenza li jiddeterminaw ghal kemm żmien jinzammu fuq il-browser tiegħek. Ġeneralment, il-'cookies' jistgħu jitneħħew awtomatikament wara li tiskadi d-data ta' skadenza jew inkella jistgħu jitħassru manwalment mill-individwu.

Liema tipi ta' 'cookies' tuża din il-paġna eletronika?

Din il-paġna eletronika tagħmel użu minn żewġ tipi differenti ta' 'cookies' li huma:

'Cookies' tas-Sessjoni: dawn huma 'cookies' temporanji li jintużaw biex jagħtuk aċċess għall-kontenut ta' din il-paġna elettronika. Dawn it-tipi ta' 'cookies' jiskadu u jiġu mħassra malli tagħlaq il-browser tiegħek.

'Cookies' limitati ta' terzi: dawn il-'cookies' huma stabbiliti minn entitajiet oħra barra dan l-Uffiċċju u jistgħu jkunu temporanji jew persistenti. L-użu ta' 'cookies' ta' partijiet terzi fuq din il-paġna eletronika huma ristretti u permessi biss għall-iskop ta' qsim soċjali (jippermettilek li taqsam l-artikli tagħna permezz tan-networks soċjali varji) u meta inkorporajna kontenut fuq il-paġni ta' paġni eletronici ta' partijiet terzi.

Kif nista' nħassar jew ineħħi l-'cookies'?

Jekk il-browser tiegħek mhux ikkonfigurat, awtomatikament, biex jimblokka l-'cookies' kollha jew parti minnhom, tista tikkonfigura l-browser tiegħek jew tirrifjuta l-'cookies' kollha jew tikkontrolla liema 'cookies' huma ffissati fuq it-tagħmir tiegħek permezz ta' din il-paġna eletronika. Tista ssib l-informazzjoni kollha meħtieġa dwar kif tagħmel il-konfigurazjoni meħtieġa billi żżur is-sit li ġej: http://www.allaboutcookies.org/manage-cookies

Id-diżattivazzjoni tal-'cookies' ta' dan is-sit ma taffettwax l-esperjenza ta' 'browsing' tiegħek.

## 6. Min għandu aċċess għad-*data* personali tiegħek u lil min tiġi żvelata?

Ir-riċevituri tal-informazzjoni personali tiegħek huma:

- l-impjegati tagħna jew individwi magħżula fi ħdan l-MSFC, fejn hu meħtieġ li jkollhom din l-informazzjoni abbażi tad-doveri tagħhom fi ħdan l-MSFC jew kwalunkwe entità assoċjata jew relatata;
- kwalunkwe kumpaniji, organizzazzjonijiet u individwi li jista jkollhom aċċess għall-informazzjoni personali tiegħek biex jirrendu magħna s-servizzi tagħhom;
- partijiet terzi li jeħtieġu l-iżvelar tal-informazzjoni tiegħek bħala riżultat tar-relazzjoni tagħna miegħek bħala l-klijent tagħna;
- partijiet terzi li jeħtieġu l-iżvelar tal-informazzjoni tiegħek bħala riżultat tal-obbligi legali imposti fuqna; u
- affiljati / partijiet terzi awtorizzati (Proċessuri tad-Data) li jipproċessaw l-informazzjoni tiegħek f'isimna u skont l-istruzzjonijiet u l-politiki speċifiċi tagħna. MSFC jiżgura li l-Proċessuri tad-Data jipprovdu livell ta 'sigurtà u privatezza xierqa għan-natura tal-informazzjoni u l-ambitu tas-servizzi li huma involuti biex jipprovdu.

Jekk l-informazzjoni personali tieghek titqassam lil terzi persuni jew terzi entitajiet ohra, ikun hemm notifika speċifika li tkopri dan l-ipproċessar, kif ukoll nistaqsu għall-kunsens tiegħek fejn hu neċessarju.

L-MSFC ma jaqsamx id-data personali tiegħek ma 'kwalunkwe entità li tinsab barra mill-UE jew EEA minghajr il-mizuri ta' sigurita necessarji.

## 7. Ritenzjoni tad-data

L-MSFC mhux ser iżżomm l-informazzjoni personali tiegħek għal żmien itwal minn dak meħtieġ għall-finijiet tal-ipproċessar tad-data personali.
F'ċerti każijiet jista jkollna interess leġittimu li nżommu id-data personli tiegħek għal perjodi itwal f'ċirkustanzi ta' kawzi legali.

## 8. Kif inħarsu l-informazzjoni personali tiegħek?

L-MSFC jieħu l-miżuri kollha ta' sigurta' meħtieġa biex jipproteġi kull data personali minn telf, użu ħazin u aċċess mhux awtorizzat, alterazzjoni, żvelar jew qerda.

Sigurtà tad-Data

- Sigurtà fiżika:
  - Il-kwartieri ġenerali ta' MSFC huma mmonitorjati permezz ta' kameras, sistemi ta' allarm, sigurtà fiżika u kontroll ta' aċċess 24 siegħa kuljum, 7 ijiem fil-ġimgħa. L-aċċess fiżiku għal u mill-MSFC jirrikjedi aċċess b'ċavetta elettronika jew superviżjoni mill-impjegati tal-MSFC. Iż-Żoni siguri tal-MSFC huma ristretti għall-ħtieġa tal-impjegati biss.
  - L-uffiċċji taż-żoni madwar Malta huma assigurati b'sigurta fiżika.
- Il-kontinwità tas-servizzi. Il-backups tad-data, 'switches' u n-networks jgħinu biex jipprovdu din is-sensja.
- Elettriku. It-tieni sors ta' provvista ta' enerġija huwa disponnibli f'każ li s-sors ta' enerġija primarja jonqos. Dawn iż-żewġ sorsi ta' provvista ta' l-elettriku għandhom iżommu l-infrastruttura ewlenija għaddejja.

Networks u Trasmissjoni

- Trasmissjoni tad-Data. Id-data kollha trasmessa barra l-MSFC hija kriptata.

## 9. Drittijiet tas-Suġġett tad-Data

- Id-dritt għall-informazzjoni;

  Id-dritt għall-informazzjoni jobbliga lill-MSFC biex permezz ta' dan l-Avviz ta' Protezzjoni, jipprovdi proċessar ġust, li huwa konċiż u trasparenti.

- Id-dritt li tħassar;

  L-individwu għandu d-dritt li jħassar l-informazzjoni personali tiegħhu u l-kontrollatur għandu l-obbligu li jħassar id-data personali mingħajr dewmien żejjed fejn tapplika waħda mir-raġunijiet li ġejjin:
  - l-informazzjoni personali miġbura m'għadhiex meħtieġa fir-rigward tal-għan li għalih kienet oriġinarjament miġbura;
  - l-individwu jirtira l-kunsens li fuqu l-ipproċessar huwa bbażat skont punt (a) tal-Artikolu 6(1) tar-Regolament tal-Protezzjoni tad-Data Ġenerali 2016/679, u m'hemm l-ebda raġuni oħra għall-ipproċessar;
  - m'hemm l-ebda interess leġittimu biex jitkompla l-ipproċessar ta' informazzjoni personali;
  - l-informazzjoni personali miġbura kienet ipproċessata illegalment jew bi ksur tal-GDPR;
  - l-informazzjoni personali miġbura ma tikkonformax mal-obbligi legali;
  - l-informazzjoni personali miġbura hija pproċessata sabiex jigi pprovdut servizz lil minorenni *online*.

- Id-dritt għall-aċċess;

  L-individwu għandu d-dritt li jikseb l-informazzjoni personali tiegħhu għar-raġunijiet li ġejjin:

  - biex jikkonferma li l-informazzjoni personali tiegħhu qiegħda tiġi pproċessata legalment;
  - biex ikollu aċċess għall-informazzjoni personali u għall-informazzjoni supplimentari deskritta fl-Avviż ta' Privatezza;

  L-MSFC huwa obbligat li jivverifika l-identità tal-individwu u jipprovdi mingħajr ħlas kopja tal-informazzjoni dwar is-suġġett tad-data fi żmien tletin (30) gurnata mit-talba.

- Id-dritt għar-rettifikazzjoni;
  - L-individwu għandu d-dritt li jirrettifika l-informazzjoni personali tiegħhu jekk mhix korretta jew aġġornata.
  - L-MSFC jrid jirretifika l-informazzjoni personali maħżuna fi żmien teltin (30) ġurnata mit-talba (jew jestendi b'60 ġurnata oħra jekk it-talba hija kumplessa).

- Id-dritt li toġġezzjona għall-ipproċessar;

  L-individwu għandu d-dritt li jirrestrinġi l-ipproċessar tal-informazzjoni personali tiegħhu meta:
  - l-informazzjoni mhix korretta;

- id-data qiegħda tiġi pproċessata illegalment;
- id-data m'għadhiex meħtieġa mill-MSFC.

- Id-dritt għall-portabbilta';
  L-individwu għandu d-dritt li jitlob l-portabilità tad-data tiegħu meta:
  - l-informazzjoni personali ġiet mogħtija lil MSFC mis-suġġett li għamel it-talba;
  - l-ipproċessar tal-informazzjoni personali huwa bbażat fuq il-kunsens tiegħek;
  - l-ipproċessar tal-informazzjoni personali jitwettaq permezz ta' proċessi awtomatizzati.

  L-MSFC huwa meħtieġ:

  - li jikkopja, imexxi u jittrasferixxi l-informazzjoni personali mitluba permezz ta' miżuri siguri;
  - li jipprovdi l-informazzjoni mitluba f'forma strutturata, f'forma komuni u li tista tinqara minn magna;
  - li jikkunsidra jekk l-informazzjoni personali mitluba tippreġudikax id-drittijiet ta' individwi oħra;
  - li jinforma lill-partijiet terzi bit-talba tal-individwu biex jirrestrinġi l-ipproċessar tal-informazzjoni personali.

  L-individwu għandu jkollu d-dritt li d-data personali tiġi trasmessa direttament minn kontrollatur għal ieħor, fejn huwa teknikament fattibbli u meta jagħmel hekk ma jaffettwax id-drittijiet u l-libertajiet ta' ħaddieħor.

- Id-dritt li toġġezzjona għall-ipproċessar;
  L-individwu jista jeżerċita d-dritt li joġġezzjona ghall-ipporċessar tal-informazzjoni personali tiegħu, ibbażat fuq raġunijiet leġittimi relatati mas-sitwazzjoni partikolari:
  - għall-ipproċessar ta' informazzjoni personali bbażata fuq interess leġittimu;
  - għall-ipproċessar ta' informazzjoni personali bbażata fuq it-twettiq ta' kompitu fl-interess pubbliku / eżerċizzju ta' awtorità uffiċjali;
  - għall-ipproċessar ta' informazzjoni personali għal skopijiet ta' riċerka xjentifika / storika u statistika;

- Id-dritt li tal-kunsens;
  - L-individwu għandu id-dritt li jagħti l-kunsens tiegħu qabel l-ipproċessar tal-informazzjoni personali tiegħu.
  - Il-Kontrollaturi tad-Data m'għandhomx jipproċessaw informazzjoni personali sakemm l-individwu ma jkunx ftiehem permezz ta' kunsens ċar, affermattiv u bil-miktub.
  - Il-Kontrollaturi tad-Data m'għandhomx jipproċessaw informazzjoni sensittiva sakemm ma jkunx inkiseb kunsens espliċitu mill-individwu.
  - L-individwu għandu d-dritt li jirtira l-kunsens fi kwalunkwe ħin.

- Id-drittijiet relatati ma' teħid ta' deċiżjonijiet awtomatizzati inkluż li jiġi stabbilit profil;
  L-individwu għandu jkun infurmat b'kull proċess awtomatizzat ta' teħid ta' deċiżjonijiet inkluż profili u l-konsegwenzi antiċipati tagħhom.

L-individwu ma jistax jeżerċita dan id-dritt meta l-proċess li jittieħdu deċiżjonijiet awtomatizzati:

- huwa meħtieġ għall-prestazzjoni ta' kuntratt mal-Kontrollatur tad-Data;
- huwa awtorizzat bil-liġi;
- huwa bbażat fuq kunsens espliċitu.

- Id-dritt li tilmenta;
  L-individwu jista' jippreżenta ilment kontra l-ipproċessar tal-informazzjoni tiegħu mal-Awtorità Superjuri.

- Id-dritt għal servizz bla ħlas;
  Kull talba lill-MSFC biex jigi ezercizzat wiehed jew iktar drittijiet tal-individwi għandha tkun bla ħlas.

- Id-dritt li jiġi notifikat f'kas ta żvelar tad-data.
  - L-individwu għandu d-dritt li fi żmien 72 siegha jkun infurmat bil-ksur tad-data, li jista jkun ta' riskju għoli għas-sigurtà tiegħu.
  - Il-Kontrollaturi tad-Data huma mitluba jipprovdu spjegazzjoni jekk l-iskadenza ta' 72 siegħa ma tintlaħaqx.

Jekk l-individwu jixtieq jeżerċita dawn id-drittijiet, hu jew hi jista', fi kwalunkwe ħin, jikkuntattja lill-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data fuq l-indirizz elettroniku: dpimu.family@gov.mt

## 10. Tibdil fl-istqarrija ta' Privatezza

Nistgħu nagħmlu kwalunkwe tibdil fl-istqarrija ta' privatezza ppubblikata fuq din il-paġna. L-MSFC kontinwament jirrevedi u jaġġorna din l-istqarrija sabiex jirrifletti l-bidliet fis-servizzi tiegħu kif ukoll biex jikkonforma mal-bidliet fil-Liġijiet tal-Protezzjoni tad-Data u tal-Privatezza. Għalhekk, ninkoraġġukom biex taqraw din l-istqarrija b'mod regolari.